MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Numru 6/2010

**Il-Pulizija**

**Versus**

**Anna Simiana.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni kontra Anna Bonello Simiana bint Philip u Francesca nee Farrugia mwieled s-Siġġiewi u residenti Anary Hesri Valley Siġġiewi

Akkużata talli għamlet xogħol ġo Triq Ġdia li qegħda ġo Dr N Zammit Street Siġġiewi mhux skond approvat il-linja tal-P.A.P.B

Il-Qorti ntalbet tordna t-twaqqigħ tax-xogħol li sar.

Ikkonsidrat

Jingħad qabel xejn li l-partijet qablu li x-xhieda mismugħa mill-Qorti diversament preseduta għandhom jaħgmlu aprti mill-proċess. (12 ta' Frar 2007).

Mix-xhieda ta' Jonathan Orlando, Enforcement Officer tal-Mepa, l-bini in kwistjoni nbena out of alignment. Kien infetaħ file għal realignment iżda makein kein ġie deċiż fuqu. (Xhieda 2 ta' Lulju 2004).

Meta reġa' xehed l-istess xhud fl-14 t'Ottubru, 2005, huwa qal li s-surveyor kien amr on site u mmarka l-linja. Skond il-large scale li hemm fil-file, jdiher li 'sa llum' (14 t'Ottubru 2005) il-bini għadu barra l-linja.

Fit-13 ta' Frar 2006 xehed Gordon Schmebri li qal li kien ta l-linja lill-imputata fuq il-post u sabu li din kienet għadha out of alignment. Il-bini mhux qiegħed skond il-linja uffiċjali. Huwa żied li l-prassi hija li tingħata l-linja uffiċjali mis-surveyor. Ix-xhud imur fuq il-post u jara jek il-linja tal-bini taqbilx ma' dik lit kun ingħatat. Il-bini tal-imputata mhux skond il-linja u qegħda maqbuża 'l barra. Huwa f'sitwazzjoni bħal din li bħala Mepa jieħdu l-passi. Meta jmur fuq il-post ix-xhud jimxi mal-linja uffiċjali tas-surveyor. Is-surveyor iniżżel fuq il-file fejn suppost qegħda l-linja. Huwa jkollu l-file tas-suveuro f'idejh u jqabbel is-sit li hemm mal-linja tas-surveyor. Ix-xhud qal ukoll li l-parti l-blu huwa fejn qiegħed il-post tal-imputata u imbagħad hemm linja ħara għaddejja. Il-bini ħareġ 'il barra u mhux suppost qiegħed hemm.

Ix-xhud wera lill-Qorti diversi ritratti meħudin mix-xhud stess fit-13 t'Ottubru 2005 fit-3.14pm. F'ritratt minnhom fiċ-ċentru jidher 0.95 bi vleġġa u taħt hemm BL (building Line). Il-bini suppost li daħal 'il ġewwa 0.92 m. (ara wkoll id-dokument GS).

Xehed ukoll Joe Pace, land surveyor tal-Mepa, (13 ta' Frar 2006). Fuq il-każ kien hemm applikazzjoni numru 677/85. ix-xhud kien mar biex jagħti l-linja fuq il-post.

Skond l-alignment li hemm fuq is-site plan, irriżulta li l-post kien 'il barra. Huwa kein ra l-bini u għamel il-linja fuq il-post. Huwa kkonferma bil-ġurament li kien out of alignment. Huwa kein mexa fuq l-iskema li kein hemm ifl-file 677/85. It-talba biex isir l-alignment fuq il-post kienet saret mill-imputata nnifisha. Fit-30 ta' Diċembru 1987 kienet ukoll saret linja fuq il-post u kienet saret mill-istess xhud. Ukoll f'dak iż-żmein il-bini kien barra l-linja. L-iskala kienet 1:2500. Meta mar it-tieni darba u ta l-istess linja. Imbagħad ix-xhud spjega wkoll kif tingħata l-linja. Bħala marka jħalli l-building line. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-kitba bl=aħmar fuq ritratrt muri mid-difiża (in kontro-eżami) kienet tuqi l-kitba 0.92. Ukoll fis-sena 2005 irriżulta lix-xhud li l-bini jrid jimxi lura. Il-linja tas-sena 2005 kienet l-istess waħda li saret fl-1987.

Reġa' xehed Gordon Schembri li ppreżenta nurmu ta' ritratti. Ix-xhud qal ukoll li kienu ttieħdu passi fil-konfront ta' ħadd ieħor ukoll.

Fl-24 t'April, 2006 xehed Victor Borg Fiorentino, Principal Technical Officer, li qal li fuq is-site aprtikolari ma kienx hemm xi applikazzjoni ta' planning control biex tinbidel il-linja,. Il-linja uffiċjali baqgħet dik li kienet teżisti minn 1960's u qatt ma nbidlet. Għall-mistoqsijiet magħmula mid-difiża ix-xhud qal li 'fil-parti s-safra, iva, qegħdin ħażin.' Meta joħroġ il-peremss għall-bini, dan joħroġ bil-kundizzjoni li ma jittellax bini qabel tingħata l-linja. Kien hemm rapport li x-xogħol kien beda qabel ma ngħatat il-linja. Imbagħad bdew il-proċeduri kontra l-imputata għax ma mxietx mal-linja. (ara wkoll id-dokument ippreżentat fl-24 t'April 2006, partikolarment VF 3).

Ix-xhud Gordon Schembri, Enforcement Officer, reġa' xehed tliet darbiet oħra. Fit-12 ta' Frar 2007, huwa qal li kienet daħlet applikazzjoni iżda din ma kenitx validated. Fil-15 ta' Frar 2008, l-istess xhud qal li kien iċċekkja jekk daħlitx xi applikazzjoni għal-linja u ma sab xejn fid-data base tad-dipartiment. L-istess reġa' qal fl-10 t'Ottubru 2008.

Ix-xhieda li saret referenza għalihom hawn fuq kollha nstemgħu minn ndin il-Qorti kif preseduta.

Il-partijiet qablu li dak li kien instema’ minn din il-Qorti diversament preseduta għandu jitqies bħala parti mill-atti. Minnd awn l-atti jirriżulta li l-imputata kienet bniet b’għaxar piedi aktar mil-linji approvata (xhieda ta’ Joe Camilleri, building inspector 11 t’Otrtubru 1991). Kien is-surveyor stess li ġibed l-attenzjoni li l-imputata kienet barra mil-linja. Meta kien amr fuq il-post il-bini kien diġa’ jeżisti.

Fl-10 t’Ottubru 2008, l-kawża tħalliet għall-provi difiża.

Fit-2 ta’ Frar 2009 il-kawża reġgħet ġiet differita għall-provi difiża wara li l-imputat naqset li tidher fl-awla.

Fl-1 ta’ Ġunju 2009 il-kawża reġgħet tħalliet għall-aħħar darba għall-provi difiża u fin-nuqqas il-Qorti kellha tgħaddi għas-sentenza.

Fit-30 ta’ Novembru, 2009, il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Mill-atti jirriżulta b’mod ċar li l-imputata bniet barra mil-linja li suppost imxiet magħha.  Il-prosekuzzjoni ġabet mhux biss ix-xhieda okulari iżda provi biżżejjed permezz tal-pjanti.  Jidher li l-linja fen bniet l-imptuta ma nbidlitx minn żmien is-sittinijiet.  Jiriżulta wkoll li l-imputat bniet qabel ma kienet ingħatat il-linja meta l-permess tal-bini dejjem joħroġ suġġett li ħadd ma jista’ jibda jibni qabel ma jingħata l-linja.

Jidher li d-difiża baqgħet tittama f’xi permess sanatorju li qatt ma ġie.  Ukoll li kieku ngħata dan il-permess l-imputata xorta kisret il-liġi għax bniet bla permess.

Għalhekk il-Qorti wara li rat l-artikolu 17 (1)(2)(3) tal-Kap X (Kodiċi tal-Pulizija) li kien viġenti fid-data ta’ meta sar l-allegat reat u l-artikolu 63 tal-Att dwar l-Ippjanar li bih il-proċeduri li nbdew qabel it-tali Att tqiesu baħal validi issib

lill-imputat ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontriha u qegħda tikkundanna lill-imputata tħallas multa ta’ €232.94 kif ukoll qed tordnalha sabiex fi żmien ta’ tliet xhur mil-lum twaqqa’ dik il-parti tal-bini kollha li hija mibnija mhux skond il-linja uffiċjali.  Jekk l-imputata tonqos li twaqqa’ l-bini mhux xkond il-linja uffiċjali fiż-żmien mogħti lilha, hija ser tkun suġġetta għall-kundanna ta’ ħlas ta’ multa ta’ €58.23 kull jum sakemm jitwaqqa’ l-bini li mexiex mal-linja tal-bini uffiċjali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------